# Philippe, 52 sena, ilu jpejjep minn mindu kellu 12–il sena
## 03/05/2005

Il–Belġju
“Wara li t–tabib tiegħi tani l–parir li nieqaf inpejjep, ċempilt 0800 111 00, in–Numru Ieqaf–mit–Tipjip.

L–espert tat–tabakk tani l–parir li nuża sostitut għan-nikotina, u qalli wkoll li nista´ nċempillu kull meta jkolli bżonn.

Minħabba li x–xewqa li npejjep kienet veru kbira, l–ewwel ftit ġimgħat kienu iebsin ħafna u jien kont f´burdata ħażina ferm.

Illum, sitt xhur wara, il–mara u t–tfal huma ferħanin. M´hemmx aktar riħa ta´ tabakk fid–dar, u jien erġajt skoprejt il–pjaċir li nilgħab logħba ballun ma´ ibni. Fiżikament inħossni aħjar. U min–naħa l–oħra, il–fatt li fl–aħħar irnexxieli nieqaf inpejjep tani lura l–kunfidenza fija nnifsi.”

Une initiative de l'Union Européenne